

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 299/2014

tat-12 ta' Diċembru 2014

li temenda l-Anness XXII (Liġi dwar il-kumpaniji) tal-Ftehim ŻEE [2015/2166]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu, Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 634/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Interpretazzjoni 21 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju <sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jżied mal-punt 10ba (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008) tal-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE:

“— **32014 R 0634:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 634/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 (ĠU L 175, 14.6.2014, p. 9).”

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 634/2014 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

<sup>(1)</sup> ĠU L 175, 14.6.2014, p. 9.

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.